

32003D0743

18.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 268/77

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-erbatax ta' Ottubru 2003

**Dwar il-listi ta' programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u dwar kontrolli mmirati għall-prevenzjoni taż-żoonożi li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2004**

(notifikata taħt dokument numru C (2003) 3708)

(2003/743/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispiża fil-qasam veterinarju <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 24(5) u 32 tiegħu,

Billi:

- (1) Ċerti Stati Membri u Stati Membri aderenti sottomettew programmi lill-Kummissjoni għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali li għalhom jixtiequ li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-Komunità.
- (2) Taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 ta' 17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni <sup>(3)</sup>, il-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali għandhom ikunu finanzjati taħt it-Taqsima tal-Garanziji ta' l-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola. Għall-iskop ta' kontroll finanzjarju, l-Artikoli 8 u 9 ta dak ir-Regolament għandhom japplikaw.
- (3) Fit-thejġija tal-lista ta' programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2004, u r-rata u l-ammont proposti għall-kontribuzzjoni fil-każ ta' kull programm, kemm jinteressa kull programm lill-Komunità kif ukoll kemm ikun il-volum ta' approprijazzjonijiet disponibbli għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.
- (4) Fit-thejġija tal-lista ta' programmi ta' kontrolli mmirati għall-prevenzjoni taż-żoonożi li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni mill-Komunità fl-2004, u r-rata u l-ammont proposti għall-kontribuzzjoni fil-każ ta' kull programm kemm jinteressa kull programm lill-Komunità, kemm jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tekniċi tal-leġiżlazzjoni veterinarja rilevanti tal-Komunità u l-volum ta' approprijazzjonijiet disponibbli għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

(5) L-Artikolu 32 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 jippreskrivi illi l-Istati Membri ġodda għandhom ikunu ttrattati bħall-Istati Membri preżenti fir-rigward ta' l-ispiża taħt fondi veterinarji.

(6) Madankollu, l-ebda impenn finanzjarju taħt il-budget 2004 ma jista jsir għall-ebda programm konċernat qabel ma l-adeżjoni ta' Stat Membru konċernat tkun saret. Barra minn hekk, l-eradikazzjoni ta' ċertu mard fl-Istati aderenti tista' tiġi ko-finanzjata taħt strumenti Komunitarji oħra.

(7) Il-Kummissjoni kkunsidrat kull wieħed mill-programmi sottomessi kemm minn naħa veterinarja kif ukoll minn dik finanzjarja u hi sodisfatta li dawn il-programmi għandhom ikunu inklużi fil-listi ta' programmi li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2004.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali elenkati fl-Anness I jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2004.

2. Għal kull programm imsemmi fil-paragrafu 1, ir-rata u l-ammont proposti għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ikunu dawk indikati fl-Anness I.

## Artikolu 2

1. Il-programmi ta' kontrolli mmirati għall-prevenzjoni taż-żoonożi elenkati fl-Anness II jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2004.

2. Għal kull programm imsemmi fil-paragrafu 1, ir-rata u l-ammont proposti għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ikunu dawk indikati fl-Anness II

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19.

<sup>(2)</sup> ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri huma d-destinatarji ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Ottubru 2003.

*Għall-Kumissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kumissjoni*

---

## L-ANNEX I

## Lista ta' programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali (L-Artikolu 1(1))

Rati u ammonti proposti għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità

(EUR)

Marda	Stat Membru jew Stat Membru aderenti	Rata	Ammont propost
Marda tal-majjali Afrikana/klassika	L-Italja (Sardinja)	50 %	250 000
Il-marda ta' Aujeszky	Il-Belġju	50 %	700 000
	Spanja	50 %	75 000
	L-Ungerija	50 %	100 000
	L-Irlanda	50 %	50 000
	Il-Litwanja	50 %	50 000
	Malta	50 %	5 000
	Il-Portugall	50 %	50 000
	Is-Slovakkja	50 %	60 000
	Deni bil-katarru (Blue tongue)	Spanja	50 %
Franza		50 %	225 000
L-Italja		50 %	700 000
Bruċellożi Bovina	Ċipru	50 %	85 000
	Il-Greċja	50 %	300 000
	Spanja	50 %	4 000 000
	L-Irlanda	50 %	5 000 000
	L-Italja	50 %	1 500 000
	Il-Litwanja	50 %	50 000
	Il-Polonja	50 %	150 000
	Il-Portugall	50 %	1 800 000
	Is-Slovenja	50 %	110 000
	Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' fuq)	50 %	2 000 000
Tuberkolożi Bovina	Il-Greċja	50 %	300 000
	Spanja	50 %	5 000 000
	L-Irlanda	50 %	4 500 000
	L-Italja	50 %	1 200 000
	Il-Litwanja	50 %	70 000
	Il-Polonja	50 %	150 000
	Il-Portugall	50 %	400 000
	Is-Slovenja	50 %	40 000
	Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' fuq)	50 %	2 000 000
Deni tal-Majjali Klassiku	Il-Belġju	50 %	175 000
	Ir-Repubblika Ċeka	50 %	75 000
	Il-Ġermanja	50 %	800 000
	Il-Litwanja	50 %	20 000
	Il-Lussemburgu	50 %	90 000
	Is-Slovenja	50 %	30 000
	Is-Slovakkja	50 %	125 000

(EUR)			
Marda	Stat Membru jew Stat Membru aderenti	Rata	Ammont propost
Lewkożi Enzootika Bovina	L-Italja	50 %	100 000
	Il-Litwanja	50 %	100 000
	Il-Portugall	50 %	100 000
	Is-Slovakkja	50 %	40 000
	Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' fuq)	50 %	5 000
Bruċellożi Bovina u Kaprina (B melitensis)	Ċipru	50 %	725 000
	Il-Greċja	50 %	1 000 000
	Spanja	50 %	6 500 000
	Franza	50 %	300 000
	L-Italja	50 %	3 500 000
	Il-Litwanja	50 %	17 000
	Il-Portugall	50 %	2 000 000
	Is-Slovenja	50 %	70 000
Poseidom <sup>(1)</sup>	Franza	50 %	250 000
Rabies	L-Awstrija	50 %	200 000
	Ir-Repubblika Ċeka	50 %	650 000
	Il-Ġermanja	50 %	800 000
	Il-Finlandja	50 %	70 000
	Il-Latvja	50 %	370 000
	Il-Polonja	50 %	1 800 000
	Is-Slovenja	50 %	110 000
	Is-Slovakkja	50 %	400 000
Marda Vexxikulari tal-majjali Deni tal-Majjali Klassiku	L-Italja	50 %	400 000
Total			51 892 000

<sup>(1)</sup> Cowdriosis, Babesiosis u Anaplasmosis trasmessi permezz ta' insetti li jggorruhom fid-dipartimenti Franċiżzi extra Ewropej.

#### L-ANNEX II

#### Lista ta' programmi għall-kontroll immirat lejn il-prevenzjoni taż-żoonożi (L-Artikolu 2, paragrafu 1)

Rati u ammonti proposti għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità

(EUR)			
Żoonożi	Stat Membru jew Stat Membru Aderenti	Rata	Ammont propost
Salmonella	L-Awstrija	50 %	150 000
	Id-Danimarka	50 %	260 000
	Franza	50 %	700 000
	L-Irlanda	50 %	90 000
	Il-Litwanja	50 %	400 000
	L-Olanda	50 %	400 000
	Is-Slovakkja	50 %	400 000
Total			2 400 000